Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 265/2014/1

**Daphne Caruana Galizia u fil-11 ta' Jannar 2018 saret trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Dr Peter Caruana Galizia w Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia stante l-mewt tal-attrici fil-mori tal-kawza (appellati)**

**Vs**

**Dr Aaron Farrugia (appellanti)**

18 ta' Dicembru, 2018.

1. Din il-kawza hi konnessa mal-kawzi **Andrew Borg Cardona et vs Dr Aaron Farrugia** (267/2014) u **Daphne Caruana Galiza vs Dr Aaron Farrugia** (264/2014), decizi llum. Fil-fatt titratta dwar post li l-attur ghamel fuq Twitter, li l-istess *post* li l-konvenut ghamel fuq il-Facebook fit-3 ta' Awissu, 2014 li fih kiteb:

> *"€2.5 Miljun f'kuntratti lil Daphne/Peter Caruana Galizia u Andrew Borg Cardona mill-gvern nazzjonalista fl-ahhar snin. Li jghaqqad dawn il-persuni flimkien mhumiex biss il-kumpanniji li ghandhom bejniethom izda l-hdura u l-attakki kkordinati 24/7 fuq dak kollu li hu Partit Laburista, linja editorjali wahda kkordinata mill-Pieta. Kompli ghamel rapport tat-telfa wara l-iehor SB".*

2. B'sentenza tat-22 ta' Marzu, 2018 l-ewwel qorti cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u kkundannatu jhallas lill-atturi s-somma ta' elf ewro (€1,000) bhala danni skont l-artikolu 28 tal-Kap. 248.

3. Fl-10 ta' April, 2018 il-konvenut appella mis-sentenza, bl-aggravji jkunu identici ghal dak fil-kawza 267/2014.

4. L-atturi wiegbu u taw ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jkun michud.

5. Dwar l-ewwel aggravju il-qorti tapplika *mutatis mutandis* ghal dan il-kaz il-konsiderazzjonijiet li  ghamlet fil-kawza **Andrew Borg Cardona et vs Dr Aaron Farrugia** (267/2014) deciza llum.

6. Hu fatt li Daphne Caruana Galizia kienet persuna kontroversjali bl-istil tal-kitba u bl-ahbarijiet li kienet tippubblika fil-*blog* taghha. Min ikollu *blog* ikun qieghed jippubblika u ghaldaqstant ghandu wkoll obbligu li jippubblika fatti li huma veri. Dak li jinkiteb fi *blog* illum, wisq probabbli ser jibqa' accessibbli minkejja li probabbilment ir-rilevanza tal-kontenut tal-*blog* partikolari ser jispicca bit-trapass taz-zmien. Madankollu, b'daqshekk ma jfissirx li wiehed kellu dritt jirrejagixxi billi jghid jew jikteb fatti li m'humiex minnhom fil-konfront taghha, kif gara f'dan il-kaz. Ghalhekk m'huwiex bizzejjed ghall-konvenut li jghid li huwa kien, *".... vittma ta' kampanja sistematika ta' zebliegh kondotta minn Daphne Caruana Galizia..."* (ara raba' eccezzjoni). Dan apparti li ma ngiebux provi konkreti ta' din 'l hekk imsejha *'kampanja sistematika ta' zebliegh'*.

7. Ghalkemm m'hemmx provi li l-konvenut kien jaf li l-fatti li kiteb ma kinux veri, jibqa' fatt li ma tax kaz humiex veri u foloz ghaliex qabad u ppubblikahom. F'kull kaz il-ligi kif kienet fiz-zmien tal-pubblikazzjoni oggett tal-kawza, ma kienx mehtieg li l-attur jaghti prova li l-konvenut kien jaf li d-dikjarazzjoni malafamanti kienet falza jew li agixxa b'negligenza fir-rigward tal-veracita jew falsita tal-ahbar.

8. F'dan il-kaz irrizulta li m'huwiex minnu li Gvern Nazzjonalista kien ta lil Caruana Galizia kuntratti b'valur ta' €2.5 miljun fl-ahhar snin minn meta l-konvenut ippubblika l-post fuq Facebook. Fil-fatt irrizulta wkoll kif BCGL Services Limited hi kumpannija li toffri servizzi ta' *trustee* u fiducjarja lill-klijenti taghha, u Daphne Caruana Galizia ma kellha l-ebda involviment personali f'dik il-kumpannija jew fil-kumpannija Evolve Limited.

9. Il-post tal-konvenut ma fihiex biss opinjoni izda wkoll fatti. Fatti li rrizulta li m'humiex minnhom. Fatti li l-appellant ghamilhom tieghu. Forsi setghu jsiru konsiderazzjonijiet differenti kieku per ezempju l-post kien jitratta biss minn *hyperlink*. Fatti li ovvjament jolqtu r-reputazzjoni ta' Caruana Galizia, gialdarba fil-post jinghata l-messagg li kienet qeghda tgawdi minn qliegh ta' miljuni ta' ewro minghand il-Gvern tal-gurnata u allura kellha skop ghalfejn tikteb fil-*blog* u f'gazzetta lokali u tattakka esponenti tal-Partit Laburista. Ahbar li tpingiha bhala persuna mhux kredibbli. Il-qorti m'ghandhiex dubju li l-attrici ma thallitx perturbata b'dik il-*post*, u dan meta tqies li kienet ilha snin tikteb ta' kuljum fil-blog u gazzetti, artikli li jattakkaw ir-reputazzjoni tan-nies li qeghdin fil-politika u ohrajn li m'humiex u fl-istess hin tkun *at the receiving end* ukoll. Xejn ma nbidel minn meta kienet pubblikata dik il-post. Wiehed irid jaccetta wkoll li persuna fil-posizzjoni li kienet l-attrici, kellha tkun iktar tolleranti ghall-kritika. Madankollu xorta jibqa' l-fatt li gew ivvintati fatti dwarha li m'humiex minnhom. Daphne Caruana Galizia kellha bhal haddiehor kull dritt li ma jixxandrux fatti foloz dwarha li jkunu jattakkaw ir-reputazzjoni taghha. Inoltre l-kritika tal-konvenut fil-konfront taghha, kienet bazata fuq fatti li rrizulta li m'humiex il-verita.

10. Pero' l-qorti ma taqbilx li ghall-istess post li xxandret fuq Twitter, l-attrici ipprezentat kawza ohra. Filwaqt li l-pubblikazzjoni fi Twitter hi pubblikazzjoni ohra, ma kien hemm l-ebda ostakolu li tinkludiha fl-istess kawza. Dan kif sar minn atturi differenti fil-kawza 267/2014. Il-fatt li fl-istess gurnata pprezentat zewg kawzi differenti, wahda dwar il-post pubblikata fit-3 ta' Awissu, 2014 fuq Facebook u ohra identika fuq Twitter, ma jfissirx li ghandha tinghata iktar danni milli kieku pprezentat kawza wahda.

11. Fir-rigward tal-aggravju dwar is-somma ta' €2,000 li l-konvenut kien kundannat ihallas lill-atturi, il-qorti terga' taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet li ghamlet fis-sentenza li nghatat illum fil-kawza **Andrew Borg Cardona et vs Dr Aaron Farrugia** (267/2014). Hu fatt li l-ewwel qorti ghandha diskrezzjoni meta tigi biex tiffissa d-danni, li f'dan il-kaz huma biss

danni morali. Madankollu kien ikun floku li fis-sentenza l-ewwel qorti taghti r-ragunijiet li wassluha biex tillikwida s-somma ta' €2,000. Dan iktar u iktar f'kaz bhal dan, meta ghall-istess post, fil-kawza **Dr Andrew Borg Cardona et vs Dr Aaron Farrugia** (267/2014) il-konvenut kien kundannat ihallas €3,000, li jfisser €1,500 lil kull wiehed mill-atturi f'dik il-kawza. Il-qorti ma tistax issib raguni ghalfejn din id-differenza gialadarba l-ewwel qorti ma tatx ragunijiet ghalfejn illikwidat €3,000 ghall-persuna wahda u €1,500 lil kull wiehed mill-atturi fil-kawza 267/2014. Dan meta f'kull kaz il-*posts* kienu identici. Ghalhekk filwaqt li hu minnu li l-ewwel qorti tgawdi minn diskrezzjoni meta tigi biex tiffissa d-danni ghall-malafama, dik id-diskrezzjoni trid tigi ezercitata b'mod konsistenti skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz.

12. Mehud in konsiderazzjoni ta' dak li ntqal hawn fuq u r-ragunament tal-qorti fis-sentenza 267/2014 il-qorti ser tvarja s-sentenza tal-ewwel qorti fis-sens li qeghda tillikwida d-danni dovuti lill-atturi fl-ammont ta' seba' mija u hamsin ewro (€750) ghal kull pubblikazzjoni.

**Ghal dawn il-motivi filwaqt li tichad l-ewwel aggravju, sa fejn kompatibbli ma' dak li ntqal hawn fuq tilqa' t-tieni aggravju u tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u hamsin ewro (€750).**

**Spejjez tal-ewwel sentenza jibqghu kif inhuma, filwaqt li l-ispejjez tal-appell jinqasmu in kwantu ghal ¾ a karigu tal-appellant u ¼ a karigu tal-appellati.**

Anthony Ellul.